# Il-Ħadd 20.12.2015

1. Din il-ġimgħa tkompli n-Novena.
   Ir-Rużarju jibda fis-5:50pm u wara jkollna l-ħsieb tan-Novena u l-Barka Sagramentali.
   - Il-Ħadd 20/12, il-quddiesa tat-8:15am tkun animata mill-MUSEUM tal-Bniet u tas-Subien u fiha jsir it-tberik tal-Bambini. Inħeġġu lit-tfal kollha biex jiġu għal din il-quddiesa u jġibu xi Bambin magħhom. Filgħaxija mill-Kappillan u l-Kor 'Sine Macula'.
   - It-Tnejn 21/12 mill-Kummissjoni Familja u Grupp Koppji Miżżewġa.
   - It-Tlieta 22/12 mill-Abbatini - *Issir il-Vestizzjoni*.
   - L-Erbgħa 23/12 mill-Fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju.

   Infakkru li fil-jiem tan-Novena għandna xi qfief biex inġibu affarijiet li wara jingħataw lis-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika biex jgħin lill-persuni fil-bżonn.
2. Illum il-Ħadd 20/12, **ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**:
   - Tiftaħ Wirja ta' Bambini u Presepji mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin San Pawl fil-Każin - maġenb l-Għassa, u fiċ-Ċentru Parrokkjali, rispettivament. Mistednin iżżuruha.
3. It-Tnejn 21/12:
   - Fis-7:15pm qed nistiednu lit-tfal biex jiġu hawn fil-knisja ħalli nippreparaw xi partijiet speċjali għall-quddiesa tal-lejl tal-Milied. Ġibu xi qniepen magħkom.
4. L-Erbgħa 23/12:
   - Fit-8:30am sad-9:15am jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini bi preparazzjoni għall-Milied.
5. Il-Ħamis 24/12, **Lejliet il-Milied**:
   - Fil-5:00pm tiftaħ il-knisja u jkollna l-Qrar, u fis-6:30pm quddiesa.
   - Fil-6:00pm tibda l-Purċissjoni tradizzjonali tal-Bambin għat-tfal kollha organizzata mill-membri tal-MUSEUM li tispiċċa fil-knisja parrokkjali stess fejn issir reċta u kant, etċ.
   - Fl-10:30pm tiftaħ il-knisja u fil-11:00pm jibda programm varjat b'reċta u l-priedka tat-tifel, li jwassluna biex f'nofs il-lejl niċċelebraw il-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied animata minn diversi tfal u mill-kant tal-kor 'Sine Macula'.
6. Il-Ġimgħa 25/12, **Jum il-Milied**: il-ħinijiet tal-quddies ikunu bħal dak ta' nhar ta' Ħadd.
   - Nifirħu u nawguraw lil Simon Azzopardi, żgħażugħ mill-parroċċa tagħna, li f'ċerimonja li ser issir il-Blata l-Bajda ser isir soċju tal-MUSEUM.
   - Bejn l-10:00am u s-2:00pm l-istaff u l-voluntiera tal-Caritas-Malta fi Triq il-Kapuċċini fil-Furjana, ser ikunu preżenti għal dawk li jħossuhom waħedhom u jixtiequ ftit kumpanija, waqt li jipprovdu wkoll xi ikel bla ħlas. Tajjeb li nmexxu ftit il-kelma ħalli ħadd ma jispiċċa jħossu waħdu jew minsi f'dan il-jum.
7. Is-Sibt 26/12:
   - Fil-5:30pm, quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta u li għaliha huma mistiedna l-Familji.
8. Il-Ħadd 27/12, **Festa tas-Sagra Familja**:
   - Il-quddiesa tal-10:00am tkun bis-sehem tal-Grupp tal-Koppji Miżżewġa.
     Nistiednu b'mod partikulari lill-Familji ta' età żgħira biex jattendu din il-quddiesa.
   - Bejn l-10:00am u 12:00pm, l-E.T. Mons. Arċisqof Charles Scicluna ser ikun il-Kurja fil-Floriana, biex jilqa' lil kulmin jixtieq jagħtih l-awguri għal dawn il-festi.
   - Mis-6:30pm sat-7:45pm, il-Parroċċa tagħna flimkien mal-Kunsill Lokali qed jistednukom għall-Kunċert tal-Milied imtella' mill-Korijiet 'Sine Macula' u 'Kreattiv', b'mużika, kant u mimi adatti għal dawn iż-żminijiet. Mhux ta' min jitilfu.
9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 155 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa;
   - € 200 mill-lotterija b'risq il-manutensjoni tal-knisja. Grazzi mill-qalb.